MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 196/2008

**L-Avukat Peter Fenech (ID Nru. 67468M) bhala mandatarju specjali ta' Aaron Gatt Floridia (ID Nru. 349468M).**

**vs.**

**Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors tal-Avukat Peter Fenech (ID Nru. 67468M) bhala mandatarju specjali ta' Aaron Gatt Floridia (ID Nru. 349468M) datat 22 ta' Frar 2008 a fol. 1 tal-process fejn ippremetta:-

Illi l-esponenti sar jaf bl-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru 2006 (3773/06PA) intavolata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kontra tieghu personali kif ukoll bhala

rapprezentant tal-kumpanija Samic Company Limited wara li giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Settembru 2007 (Dok. “AGF1”), fejn gie mitlub sabiex ihallas l-ammont ta' tnejn u disghin elf erba’ mija u hamsa u erbghin Liri Maltin (Lm92,445), illum mitejn u hmistax-il elf, tliet mija u tmienja u tletin ewro u tnejn u disghin centezmu (€215,338.92). Dan kien wara li l-kreditu kien diga` gie allegatament rez ezekuttiv permezz tal-pubblikazzjoni fl-imsemmija Gazzetta tal-Gvern;

Illi l-esponenti huwa residenti barra minn Malta u ilu hekk residenti ghal dawn l-ahhar sittax-il sena u ghaldaqstant huwa ma kienx Malta matul ix-xahar ta' Novembru 2006 meta giet intavolata l-ittra ufficjali msemmija. Lanqas ma kien Malta matul ix-xahar ta' Settembru 2007 meta l-ittra ufficjali giet ippubblikata fil-gazzetta tal-Gvern;

Illi huwa sar jaf bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern b'koincidenza u huwa rrisponda ghal din l-ittra ufficjali b'ittra ufficjali numru 3540/07 datata 17 ta' Settembru 2007 (Dok “AGF2”) *tramite* l-mandatarju tieghu fejn gab a konjizzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud il-fatt li huwa jghix barra minn Malta;

Illi l-esponenti jiddikjara li huwa qatt ma rcieva xejn dwar xi debitu pendenti li allegatament baghat id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u sar jaf biss bl-avvizi msemmi fl-ittra ufficjali f’Settembru 2007 xi jiem wara li saret il-pubblikazzjoni, hekk kif fuq indikat u dan wara li xi hadd cempillu gewwa l-Istati Uniti fejn jghix u infurmah li ismu kien deher fil-Gazzetta tal-Gvern;

Illi ghalhekk ir-rekwizit li jigi notifikat avviz lill-allegat debitur skont it-termini tal-**artikolu 59 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud,** ma giex sodisfatt, kif lanqas ma gie sodisfatt ir-rekwizit tan-notifika tal-ittra ufficjali peress li l-procedura adoperata ma kinitx korretta;

Illi l-esponenti mhuwiex direttur tal-kumpanija Samic Company Limited, u dan wara li kien irrizenja minn din il-kariga ferm qabel ma nharget l-ittra ufficjali;

Illi l-esponenti *nomine* mhuwiex personalment responsabbli ghall-hlas lura tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif mitlub *stante* li mhuwiex direttur tal-kumpanija u ghaldaqstant ma jistax jitqies bhala rapprezentant tal-kumpanija kif kontemplat fl-**artikolu 66 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ;**

Illi, *di piu`* l-artikolu 66(5) tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma japplikax fil-konfront tal-esponenti *nomine* personalment *stante* l-fatt li huwa ma kellux taht it-tmexxija, amministrazzjoni jew kontroll tieghu xi flus jew proprjeta` tal-kumpanija Samic Company Limited;

Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti *nomine* talab li l-Kummissarju konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li n-notifika tal-ittra ufficjali numru 3773/06 tat-2 ta' Novembru 2006 kif ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Settembru 2007 hija nulla u bla effett *stante* li ma saritx skont il-ligi.

2. Per konsegwenza thassar u tannulla t-titolu ezekuttiv ottenut permezz tal-ittra ufficjali msemmija.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa min issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u zewg dokument esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' April 2008.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud ghar-rikors tat-22 ta' Frar 2008 datata 4 ta' April 2008 a fol. 13 tal-process fejn espona:-

1. Illi preliminarjament, ir-rikors tal-attur huwa null u bla effett *stante* illi, it-talba sabiex it-titolu ezekuttiv li jgawdi l-

eccipjent fil-konfront tal-attur jigi rrevokat, ma tistax tintlaqa' minhabba li l-attur kellu fi zmien ghoxrin jum min-notifika tal-ittra ufficjali jopponi ghat-talba tal-eccipjent billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara t-talba bhala wahda nfondata; (**artikolu 466 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

2. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu anke kieku ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument biss, wiehed kellu jaccetta l-verzjoni tal-attur li ilu ma jghix Malta ghal hafna snin, l-attur messu gab prova sabiex juri dan. Mhuwiex bizzejjed illi huwa jaghmel semplici dikjarazzjoni sabiex jittanta juri dan. Ta' min jissottolinea illi ghalkemm l-attur jallega (premessa 2 fir-rikors tal-attur), illi ilu residenti barra minn Malta ghal dawn l-ahhar sittax-il sena, fil-*Memorandum and Articles of Association* rregistrat fir-Registru tal-kumpaniji (fl-1 ta' Frar tas-sena 2000) [immarkat Dokument “A”] taht il-firma tieghu l-attur iddikjara illi l-indirizz tieghu huwa 9, Windsor Apartments, Park Towers, Borg Olivier Street, St. Julian's. (ara pagna numru 4 tal-*Memorandum of Association* paragrafu mmarkat numru 6 u ntitolat *'Management and Administration'*). L-istess sar fis-7 ta' April 2006 meta fl-istess registru tal-Kumpaniji giet registrata l-*Form K* fejn l-attur irrizenja minn direttur tal-kumpanija [immarkata Dokument “B”]. Kwindi mhuwiex minnu dak allegat mill-attur illi huwa assenti minn dawn il-gzejjer kif tifhem il-ligi. Konsegwentement wiehed necessarjament jistaqsi jekk l-attur tax l-indirizz tieghu ta' San Giljan intenzjonalment u konvenjentement sabiex f’kaz li jinqalghu cirkostanzi li dwaru *si tratta* din il-kawza, huwa jkun jista' jecepixxi n-nullita` ta' notifika *o meno*;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu fil-paragrafi mmarkati 6 u 7 tar-rikors tieghu, l-attur jallega illi huwa mhuwiex direttur tal-kumpanija Samic Company Limited. L-ammont indikat fit-titolu ezekuttiv li jgawdi l-esponent fil-konfront tal-attur huwa kollu dovut sal-gurnata li giet sottomessa fir-registru tal-Kumpaniji (u cioe` s-7 ta' April 2006) ir-rizenja tal-attur minn direttur tal-kumpanija Samic Company Limited skont l-istess Dokument “B” anness ma' dan ir-rikors;

4. Illi *di piu`* l-fatt li l-attur Aaron Gatt Floridia ma kienx direttur tas-socjeta` Samic Company Limited mis-7 ta' April 2006 (u cioe` d-data li fiha giet sottomessa il-*form K* fir-registru tal-Kumpaniji) huwa rrelevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza, *stante* li bhala direttur huwa tenut responsabbli ghall-hlas ta' kull taxxa li setghet kienet dovuta mill-kumpanija matul il-perjodu li hu kien direttur tal-kumpanija Samic Company Limited u ghalhekk seta' jigi mharrek mill-eccipjent bl-ghan li tigi rkuprata t-taxxa dovuta. Irid jigi sottolinejat illi ghall-finijiet tal-ligi tat-taxxa, kull direttur ta' kumpanija huwa tenut responsabbli ghall-hlas ta' tali taxxa u ghalhekk jista' jigi mharrek kemm personalment kif ukoll ghan-nom tal-kumpanija li taghha huwa jew kien direttur u li huwa jirrapprezenta ghall-finijiet ta' gbir ta' taxxa. Rilevanti wkoll hija r-raguni ghaliex l-attur ghazel li jirrizenja propju fiz-zmien meta kien evidenti li l-esponent kien ser jiehu l-passi necessarji sabiex jirkupra l-ammont dovut lilu;

5. *Inoltre*, dwar dak allegat fil-paragrafu bin-numru 8 tar-rikors tal-attur, lanqas ma hu rilevanti jekk l-attur kellux tahtu t-tmexxija, amministrazzjoni jew kontroll ta' xi flus jew propjeta` tal-kumpanija Samic Company Limited billi, bhala direttur, huwa responsabbli ghall-hlas tat-taxxa tal-kumpanija, jkunu fejn ikunu tali assi (cioe' flus jew proprjeta`); u dan hekk kif insenjat din l-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta :

*"... dan il-fatt, cioe` li ma kinetx fizikament izzomm flus tal-kumpanija fil-pussess taghha, huwa rrilevanti billi, bhala direttur, hija kienet responsabbli ghall-hlas tat-taxxa tal-kumpanija, ikunu fejn ikunu l-flus." (sentenza PA GV 28 ta' Gunju 2006 fil-kawza fl-ismijiet Sylvana Xuereb (ID 9362M), mizzewga Spiteri, Foresight Holdings Limtied (C16755) vs Kummissarju tat-Taxxi Nterni).*

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti tal-intimati a fol. 15 sa 27 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2009 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Fenech ghar-rikorrenti ddikjara li m'ghandux provi aktar. Xehed Charles Caruana rapprezentant tal-Kummissarju tal-VAT. Id-difensuri qablu li l-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud qatt ma gie notifikat b'bidla tal-indirizz tad-direttur tal-Kumpanija Samic Co. Ltd. u cioe` Aaron Gatt Floridia permezz ta' dokument li pprezenta fl-istess registru MFSA, indikat bhala indirizz tieghu dak ta' San Giljan. *In vista* ta' din id-dikjarazzjoni d-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Gunju 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza li permezz taghha r-rikorrenti Aaron Gatt Floridia qed jitlob li jigi ddikjarat li n-notifika tal-ittra ufficjali Numru 3773/06 mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kontra tieghu personali u bhala rappreztentant tal-kumpanija Samic Company Limited datata 2 ta' Novembru 2006 ghall-ammont ta' Lm92,445 (€215,338.92) permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fis-7 ta' Settembru 2007, hija nulla u bla effett u dan peress li (a) li huwa ma rceviex l-avviz skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 58 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** u (b) in-notifika tal-ittra ufficjali ma saritx skont il-ligi u dan anke ghaliex huwa ma kienx la residenti Malta u lanqas kien ghadu direttur tal-istess socjeta' kemm fid-data tal-ittra ufficjali u kemm fid-data tal-pubblikazzjoni tal-istess fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Settembru 2007.

Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta li effettivament ir-rikorrenti Aaron Gatt Floridia kien irrezenja minn direttur tal-istess

socjeta’ fit-13 ta’ Frar 2006 u dan l-avviz (Form K) skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 146 (1) tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995** gie registrat u sottomess fir-registru tal-Kumpaniji fis-7 ta' April 2006 (Dok. “B” – fol. 27 tal-process).

Illi dan ifisser li minn dak in-nhar il-pubbliku kellu gharfien tal-bidla u huwa mistenni li jagixxi fit-termini ta’ dak li jirrizulta mill-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija. Dan peress fid-dawl u bis-sahha ta’ dak maghruf bhala *“principle of constructive notice*”(ara **Farrar & Hannigan, “Farrar’s Company Law”**, 4 ediz. pagg.86-87), terza persuna li tidhol f’relazzjoni guridika ma’ kumpanija kummercjali hija meqjusa li taf x’jghidu d-dokumenti pubblici ta’ dik il-kumpanija.

Illi bil-mod kif gew applikati dawn il-principji mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawzi fl-ismijiet **“Sylvia Xuereb et vs Kummissarju tat-Taxxi Interni”** (A.C. – 31 ta’ Ottubru 2008) u **“Allcare Insurance Agency Ltd. v. Randon”** (A.C. - 6 ta’ Lulju, 2007) ma hemmx dubju wkoll li kwantu ghall-kwistjoni tar-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta` rikorrenti u tal-pozizzjoni li kien jokkupa Aaron Gatt Floridia meta giet prezentata l-ittra ufficjali u meta saret in-notifika tal-istess permezz anke tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, din kienet, u setghet facilment tkun, maghrufa mill-intimat peress li dawn kienu affarijiet li johorgu cari minn dokumenti – il-*Memorandum and Articles of Association* – li kienu ghalih accessibbli. Jekk l-intimat odjern naqas milli jaghmel il-verifiki tieghu qabel ma pprezenta l-istess ittra ufficjali, *“imputet sibi”*.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-ittra ufficjali kienet datata 2 ta’ Novembru 2006 u n-notifika ta’ l-istess ittra ufficjali hija datata 7 ta’ Settembru 2007 permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. Dawn iz-zewg dati huma sussegwenti ghal data tar-rizenja ta’ Aaron Gatt Floridia li sehhet fit-13 ta’ Frar 2006 u giet registrata fir-Registru tal-Kumpaniji fis-7 ta’ April 2006 u ghalhekk jirrizulta li almenu minn din l-ahhar data l-gharfien ta’ dan kien fid-dominju pubbliku u l-Kummissarju intimat seta’ facilment ikkonstata dan skont il-ligi, b’dan

ghalhekk li dan ifisser li meta saret l-istess ittra ufficjali u notifika relattiva tal-istess permezz tal-pubblikazzjoni lil Aaron Gatt Floridia “bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ Samic Co. Ltd. (Reg. Numru C – 25814)” din saret hazin peress kemm fid-data tal-ittra ufficjali (2 ta’ Novembru 2006) u kemm fid-data tan-notifika permezz ta’ pubblikazzjoni ta’ l-istess (7 ta’ Settembru 2007), kien maghruf pubblikament permezz tar-rizenja hekk registrata fis-7 ta’ April 2006, li l-istess rikorrenti ma kienx ghadu jipprezenta l-istess socjeta’, tenut kont li tali rizenja minn direttur tal-istess socjeta’ kienet accessibbli ghall-intimat.

Illi l-fatt li r-rikorrenti ma nformax lill-intimat bir-rizenja tieghu ma ghandu l-ebda importanza ghall-kaz odjern fis-sens li dak li qed jigi determinat hawn huwa li la darba l-istess rikorrenti kien irrezenja bhala direttur tal-istess socjeta’ u tali rizenja kienet debitament registrata skont l-Att dwar il-Kumpaniji, mela allura l-mod kif harget l-istess ittra ufficjali u n-notifika tal-istess ma sarux skont il-ligi, peress li l-interpellazzjoni saret hazin peress li din saret f’mument meta l-istess persuna (u cjoe’ r-rikorrenti odjern) ma kienx jirrapprezenta lill-istess socjeta’. Dan iktar u iktar meta l-istess ittra ufficjali qatt ma jidher li giet indirizzata fl-ufficju registrat tal-istess socjeta’.

Illi bhal fil-kawzi hawn fuq citati, din il-Qorti ma hijiex qed tiddeciedi jekk Aaron Gatt Floridia hux responsabbli jew le, anke personalment, bhala wiehed mid-diretturi tal-kumpanija imsemmija, ghall-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud li tista’ tkun dovuta mill-kumpanija, u dan peress li r-responsabbilta` legali tal-persuni li kienu jokkupaw il-pozizzjoni ta’ diretturi ghall-obbligi fiskali mixhuta fuq kumpanija tohrog mil-ligi. Kull ma qieghed jigi deciz huwa li l-kumpanija Samic Co. Ltd. giet interpellata hazin f’isem r-rikorrenti *nomine* u dan irendi l-istess ittra ufficjali u notifika tal-istess nulla u bla effett.

Illi ma’ dan il-Qorti zzid li la darba l-istess ittra ufficjali inharget kemm kontra r-rikorrenti fil-kwalita’ tieghu personali u kemm bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta’ Samic Co. Ltd tali notifika kellha ssir lit-tnejn li

huma skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 187 (3) u (5) tal-Kap. 12** u dan billi zewg kopji tal-istess ittra ufficjali kellhom jitwahhlu fil-postijiet rispettivament indikati fiz-zewg subartikoli, u jidher li dan ma sarx peress kif jidher mir-riferti relattivi tal-affissjoni tal-istess ittra ufficjali – fejn mhux biss ma hemmx indikat li l-affissjoni saret fl-ufficju registrat tas-socjeta' jew fil-post hemm indikat fl-ahhar imsemmi subartikolu ghall-iskop ta' notifika tas-socjeta' – jirrizulta li r-riferta tal-affissjoni saret biss fil-konfront tar-rikorrenti personalment (ghaliex ma hemmx indikat li din saret ghan-nom tas-socjeta' ukoll) u wkoll li kull ma' saret affissjoni kienet ta' wahda biss u mhux ghaz-zewg interpellati fl-istess ittra ufficjali u allura tali notifika ma saritx skont il-ligi u senjatement skont l-**artikolu 185 tal-Kap. 12** u dan kif gie deciz fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Vincent Camilleri vs Emmanuel Camilleri et"** (A.C. – 3 ta' April 2009). B'hekk jirrizulta li l-istess ittra ufficjali in kwantu diretta kontra r-rikorrenti in rapprezentenza tas-socjeta' Samic Co. Ltd saret u giet notifikata mhux skont il-ligi.

Illi kwantu ghal dik li hija n-notifika tar-rikorrenti fil-kapacita' personali tieghu jirrizulta li n-notifika saret skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12,** izda dan l-artikolu ma setax jigi applikat ghall-kaz in ezami peress li jirrizulta mix-xhieda kollha prodotta mill-istess rikorrenti, u fil-verita' anke minn dik tal-intimat, li fid-data tal-prezentata tal-istess ittra ufficjali u fid-data tan-notifika tal-istess permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni, li l-istess rikorrenti kien residenti barra minn Malta, u l-**artikolu 187 tal-Kap. 12** huwa applikabbli biss meta l-persuna li tkun trid tigi notifikata tkun tghix Malta, izda d-dhul fir-residenza taghha ma jkunx possibbli, jew il-post ta' residenza taghha ma jkunx maghruf. Ghalhekk f'dan il-kaz din il-procedura ma setghatx tigi applikata – la darba l-istess rikorrenti kien residenti barra minn Malta, u huwa mmaterjali jekk l-intimat kienx notifikat b'dan jew le, ghaliex ir-regoli tan-notifika tal-atti gudizzjarji huma regolati mill-artikolu appositi tal-**Kap. 12** u mhux mill-ligi ohra. Ghalhekk ukoll l-istess ittra ufficjali u n-notifika tal-istess hija nulla u bla effett fil-konfront tal-istess rikorrenti.

Illi l-Qorti, bhal fil-kawzi hawn fuq citati, mhux qed tiddeciedi jekk Aaron Gatt Floridia hux responsabbli, anke personalment, bhala wiehed li kien direttur tal-kumpanija imsemmija, ghall-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud li tista' tkun dovuta mill-kumpanija; ir-responsabbilta` legali tal-persuni li kienu jokkupaw il-pozizzjoni ta' diretturi ghall-obbligi fiskali mixhuta fuq kumpanija tohrog mil-ligi. Qieghed jinghad biss li l-kumpanija Samic Co. Ltd giet interpellata hazin f'isem l-attur *nomine* u in-notifika kif saret kemm lill-istess rikorrenti fil-kwalita' tieghu personali u kemm fil-kwalita' citata fl-istess ittra ufficjali saret hazin u dan irendi l-istess ittra ufficjali bhala nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimat a bazi tal-**artikolu 466 (2) tal-Kap. 466,** jirrizulta li anke kieku l-istess artikolu huwa applikabbli, tali terminu hemm citat jibda jghaddi min-notifika tal-istess att gudizzjarju – notifika li trid tkun valida – haga li certament ma tirrizultax minn dawn il-proceduri.

Illi kwantu ghall-istess artikolu 466 tal-Kap. 12 jidher li dan jirreferi ghall-kaz fejn kap ta' dipartiment jagixxi ghall-hlas ta' tip ta' kreditu hemm indikat u li din issir permezz ta' "dikjarazzjoni mahlufa" quddiem il-persuni hemm indikati, liema dikjarazzjoni mahlufa tigi notifikata permezz ta' ittra ufficjali. F'dan il-kaz ma hemm xejn minn dan ghaliex kull ma' hemm hija biss ittra ufficjali bla ebda dikjarrazzjoni mahlufa kif jirrikjedi l-istess artikolu, kif jidher mill-kopja tal-istess ittra ufficjali (Dok. "XX" - fol. 37), u allura certament li dan l-artikolu mhux applikabbli ghall-kaz de quo.

Illi t-tieni eccezzjoni jinghad li r-rikorrenti f'din il-kawza gab il-prova li huwa residenti barra minn Malta, u wkoll li fid-data u n-notifika tal-istess ittra ufficjali huwa ma kienx rapprezentant tal-istess socjeta' u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni jinghad li ghalkemm dan jista' jkun minnu, izda dan bl-ebda mod ma jaffetwa l-fatt li l-

hrug tal-ittra ufficjali u n-notifika taghha ma sarux skont il-ligi u allura din l-eccezzjoni qed tigi wkoll michuda.

Illi l-istess jinghad dwar ir-raba' u l-hames eccezzjoni, peress li kull ma qed jigi deciz f'din il-procedura huwa biss li l-hrug ta' tali ittra ufficjali u n-notifika kif saret tal-istess ma sarux skont il-ligi u ghalhekk tali ittra ufficjali hija nulla u bla effett.

## **<u>II. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li n-notifika tal-ittra ufficjali numru 3773/06 tat-2 ta' Novembru 2006 kif ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Settembru 2007 hija nulla u bla effett *stante* li ma saritx skont il-ligi.

(2) Per konsegwenza thassar u tannulla t-titolu ezekuttiv ottenut permezz tal-ittra ufficjali msemmija.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------